MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 201/2011

**Alfred H. Zammit fil-vesti tiegħu ta' President u Anna Depasquale Schranz fil-vesti tagħha ta' Segretarju, ilkoll għan-nom tas-soċjeta' Banks Sports Association**

**-vs-**

**Nazzareno Mercieca**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta' Frar 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi s-soċjeta' Banks Sports Association akkwistat is-*sub utile dominium* ta' porzjon diviża ta' art fil-limiti ta' Ħ'Attard, fid-distrett tal-Imrieħel magħruf bħala "Tal-Ħofor" jew "Tal-Imrieħel", aċċessibbli *tramite* sqaq privat, u konfinanti mil-Lvant ma' proprjeta' ta' Joseph Licari jew *aventi causa* minnu, mit-Tramuntana ma' beni

ta’ Remigio Saco jewa *aventi causa* minnu, mill-Punent in parti ma’ l-imsemmi sqaq privat, u min-Nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Saccassan jew *aventi causa* minnu, liema porzjoni diviża ta’ art għandha kejl ta’ madwar tmien (8) tomniet, u dan bis-saħħa ta’ att pubbliku datat tlettax (13) ta’ Frar 1967 in atti Nutar Dottor Paul Pellegrini Petit;

2. Illi l-imsemmija proprjeta’ immobbli għandha proprjeta’ tas-soċjeta’ esponenti, billi qatt ma ġiet minnha aljenata;

3. Illi l-konvenut qiegħed jokkupa din il-proprjeta’ immobbli abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

4. Illi meta l-konvenut ġie interpellat sabiex jivvaka l-proprjeta’ surriferita, huwa vanta jeddijiet petitorji fuq l-istess proprjeta’;

5. Illi madankollu huwa baqa’ ma ressaq l-ebda att pubbliku jew prova oħra tat-titolu tiegħu;

6. Illi safejn jafu l-esponenti, il-konvenut m’għandux eċċezzjonijiet x’jagħti kontra t-talbiet tagħhom;

7. Illi għalhekk qed issir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponenti, fil-kwalita’ tagħhom hawn fuq premessa, umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tilqa’ t-talbiet tagħha bid-dispensa tas-smiegħ billi jikkonkorru l-elementi kollha meħtieġa mill-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jiżgombra mill-porzjon diviża ta’ art fil-limit ta’ Ħ’Attard, fid-distrett tal-Imrieħel magħruf bħala “Tal-Ħofor” jew “Tal-Imrieħel”, aċċessibbli *tramite* sqaq privat, u konfinanti mil-Lvant ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Licari jew *aventi causa* minnu, mit-Tramuntana ma’ beni ta’ Remigio Sacco jew *aventi causa* minnu, mill-Punent in part ma’ l-imsemmi sqaq privat, u

min-Nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Saccassan jew *aventi causa* minnu, liema porzjon diviża t’art għandha kejl ta’ madwar tmien (8) tomniet *entro* terminu qasir u perentorju minnha prefiss,

U dan previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata tmienja (8) ta’ Jannar 2010, kontra l-konvenut, li huwa minn issa nġunt in subizzjoni, u b’riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi fil-kwalita’ tagħhom kif premessa.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-konvenut;

Rat id-diġriet tagħha tal-lum stess li permezz tiegħu ċaħdet t-talba biex dan jikkontesta l-kawża u wkoll permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

Billi għalhekk it-talba attriċi jistħoqqilha tiġi milqugħa;

**Tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta’ tlett xhur.**

**Spejjeż a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------